- Meta tfal ibatu fit-taghlim;
- Meta tfal ibatu minn nuqqas ta' konċentrazzjoni;
- Meta tfal ibatu minn apatija.



*Counselling Room ghat-tfal*

## *Abbuż Emozzjonali*

- Meta tfal ikunu attivi jew imqarbin hafna;
- Meta tfal ikunu maghluqin fihom infushom;
- Meta tfal ikunu jidhru imdejqin u mbeżżghin;
- Meta tfal ikunu jiddependu fuq adulti anke b'mod fitt;
- Meta tfal jahsbu b'mod negativ fuqhom infushom.

## *X'tip ta' ghajnuna tinghata f'każ li jkun hemm abbuż?*

- Wara li t-taqsima tirċievi rapport dwar abbuż fuq tfal jew żghażagh li ghandhom inqas minn 18-il sena, dan ir-rapport jinghata prijorita' skond l-urġenza tal-każ u l-ammont ta' periklu li jkunu jinsabu fih it-tfal.
- Kull rapport li jidhol jiġi nvestigat tajjeb mis-*social workers*.
- *Is-social workers* jiltaqghu mat-tfal ġewwa l-iskejjel, fid-djar taghhom u anke' fl-uffiċju minn fejn jinghata dan is-servizz.
- Fil-kuntatti li jsiru mat-tfal jintuża hafna djalogar, loghob, tpinġijiet u stejjer sabiex tinġabar informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet li jkunu fihom dawn it-tfal.
- Isir kuntatt mal-ġenituri tat-tfal sabiex nifmhu b'mod ahjar minn liema esperjenza ta' abbuż jkunu ghaddejjin it-tfal.
- Nahdmu f'kollaborazzjoni mal-pulizija, tobba, ghalliema u kapijiet ta' skejjel sabiex l-ghajnuna li jkunu jehtieġu dawn it-tfal tinghata b'mod shih.
- Jekk l-abbuż li nindagaw jkun ta' natura kriminali jittiehdu passi bil-Qorti.

## *Kif tista' tagħmel użu minn dan is-servizz?*

Kull peresuna, żghira jew kbira, tista tirreferi tfal li jkunu qeghdin jiġu abbużati.

- Hu azzjoni immedjata billi iċċempel.
- Ċempel fuq il-Freephone tas-Servizz APPOĠĠ Supportline 179 jew ċempel direttament lis-Servizz Harsien tat-Tfal fuq in-numri 21249995/6.
- Tista' tibghatilna e-mail fl-indirizz cpsu@appogg.org




APPOĠĠ

*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunita'*

*70, Capuchins Str., Floriana VLT 14 Malta.*
*Tel: (356) 21222066, 21222076 Fax: (356) 21222049*
***www.appogg.gov.mt***


APPOĠĠ

*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunita'*







# *Servizz ghall-Harsien tat-Tfal*

## X'inbu is-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal?

Is-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal iħares u jipproteġi minn kull forma ta' abbuż tfal u żgħażagħ li l-età tagħhom hija inqas minn 18-il sena.

## X'inhuma l-għanijiet tas-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal?

- Li jħares id-dritt tat-tfal li jgħixu f'ambjent li jgħinhom jikbru u jiżviluppaw tajjeb, il bogħod minn abbuż fiżiku, sesswali, emozzjonali kif wkoll minn traskuraġni.
- Li jaħdem biex it-tfal ma jibqgħux jiġu abbużati u traskurati.
- Li jlaqqa t-tfal u l-familji tagħhom ma' servizzi oħra li jista' jkollhom bżonn, bħal assistenza soċjali, terapija u għajnuna psikoloġika.
- Li jgħin biex jittieħdu passi legali skond il-każ.
- Li jagħmel rapporti meta jkun mitlub mill-Qorti jew minn Awtoritajiet oħra.
- Li jsegwi u jintervjeni f'każijiet fejn is-soċjetà tkun qed tagħmel ħsara lit-tfal.



## X'inhu Abbuż?

### Abbuż Fiżiku

Dan jinkludi swat, ħruq, gdim, samtiet, jew qris. Ir-riżultat ta' dan l-abbuż jista' jkun tbenġil, ksur ta' l-għadam, grif, jew ġrieħi oħra fuq barra jew internament.

### Abbuż Sesswali

Dan iseħħ meta adulti jesponu lit-tfal għal attivita' sesswali. Dan jista' jsir permezz ta' kuntatt sesswali bejn it-tfal u l-adulti, prostituzzjoni, jew meta t-tfal ikunu qegħdin jaraw aġir sesswali.

### Abbuż Emozzjonali

Meta it-tfal ikunu qed jiġu mgħajra jew ikkritikati ta' spiss. Din l-imġieba tista' teffetwa il-mod ta' kif it-tfal iħarsu lejhom infushom. Minħabba dan l-abbuż it-tfal iħossuhom umiljati, insultati, u mhux maħbubin.

### Traskuraġni

Meta l-adulti ma jipprovdux il-bżonnijiet tat-tfal, bħal ikel, ħwejjeġ, dar, saħħa, indafa, u ambjent fejn huma jistgħu jiżviluppaw b'mod sħiħ u sabiħ skond il-potenzjal tagħhom.

Kif tagħraf abbuż fuq tfal:

### Abbuż Fiżiku

- Meta tfal ikollhom tbenġil fuq partijiet differenti tal-ġisem
- Meta tfal ikollhom marki ta' daqqiet ta' ċinturin
- Meta tfal ikollhom marki ta' gdim
- Meta tfal ikollhom *Black eyes*
- Meta tfal ikollhom ħruq (permezz ta' sigaretti, nar, jew għodda)
- Meta tfal ikollhom ksur li ma jkunx jista' jiġi spjegat



### Abbuż Sesswali

- Meta tfal ikollhom uġigħ fil-parti ġenitali;
- Meta jkun hemm tqala;
- Meta tfal ikollhom tisfija fil-parti ġenitali;
- Meta tfal iġibu ruħhom b'mod sesswali;
- Meta tfal iġibu ruħhom b' mod provokativ;
- Meta tfal ikunu jafu ċertu affarijiet sesswali li mhux adatti għall-eta' tagħhom;
- Meta t-tfal jaħarbu, ikunu magħluqin fihom infushom, ikunu aggressivi, jimmasturbaw b'mod eżagerat, ma jkollhomx ħbieb;
- Meta tfal ibatu minn uġigħ fl-istonku, uġigħ ta' ras, uġigħ fid-dar, jew nuqqas ta' rqad.

### Traskuraġni

- Meta jkun hemm nuqqas ta' ndafa;
- Meta tfal ikunu taħt il-piż normali;
- Meta tfal ikunu ta' statura zgħira wisq għall-eta' tagħhom;
- Meta tfal ikollhom dehra maħmuġa;
- Meta tfal ikollhom nuqqas ta' ħbieb;